MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2013

Numru. 361/2012

**SPETTUR TONY CACHIA**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**
**VS**
**AARON AXISA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Aaron Axisa ta' 30 sena bin Carmelo Axisa u Marianna Axisa nee' Bartolo, mwieled Pieta' nhar id- 19 ta' Awwissu 1982, residenti Paloma Bianca, Triq il- Garakol, Ghaxaq u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 461582M;

Talli ;
1) Nhar it- 8 ta' Jannar 2012 ghal hin ta' bejn l- 9.40am u t- 3.20pm minn go dar bl- isem ta' Glass Mountain, Triq tal- Barrani, Tarxien, ikkommetta serq ta' gojjellerija li jammonta ghal €11,650 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeccedi €2,329.37

ghad-detriment ta' Alfred Grech u Mary Elizabeth grech u/ jew ta' persuni ohra;

2) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il- kundizzjonijiet tal- liberta provizorja imposti mill- Qorti tal- Magistrati preseduta mill- Magistrat Dr Audrey Demicoli LL.D fis- 16 ta' Novembru 2010 f' dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill- arrest u dan taht garanzija personali ta' €5,000;

3) Kif ukoll talli sar recidiv ai termini tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta, b' sentenzi moghtija mill- Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-imputazzjoni ta' serq li sehh minn residenza privata nhar it-8 ta' Jannar 2012. L-ammont tas-serqa kien ta' madwar tnax-il elf Ewro (€12,000) f'deheb u oggetti ohra, u kienet saret inkjesta mill-Magistrat tal-ghassa. Minn fuq ix-xena tad-delitt gew elevati impronti digitali, li sussegwentement gew imqabbla ma' dawk tal-imputat, u mill-ezami komparattiv li sar irrisulta li kien hemm qbil bejn l-impronti li nstabu fil-lok fejn saret is-serqa ma' dawk mehuda mill-imputat. Ghalhekk il-Pulizija ressqet lil Aaron Axisa fuq dan ir-reat permezz ta' din il-procedura quddiem din il-Qorti.

Mill-istharrig li ghamlet il-Pulizija, irrisulta li ma kienx hemm hafna taqlib fid-dar tad-derubati. Dan ghalhekk kien jindika li min dahal jisraq kien jaf fejn kellu jfittex biex jiehu d-deheb tal-familja. Gie interrogat ir-ragel tat-tifla tad-

derubati, certu Robert Zahra, peress illi s-suspetti waqghu fuqu, u fil-frattemp il-Pulizija waslitilhom informazzjoni li l-imputat kien involut fis-serqa. Di fatti rrisulta wkoll li Zahra u l-imputat kienu jafu lil xulxin. L-imputat gie arrestat, u ttiehdu tlitt stqarrijiet tieghu, kollha esebiti fl-atti, u ttiehdu l-impronti digitali tieghu biex isir ezami komparattiv mal-impronti misjuba fuq ix-xena tad-delitt, kif intqal aktar ‘il fuq.

Minn dawn il-provi, mhux kontradetti mid-difiza, il-Qorti tinsab konvinta li l-imputat kien presenti meta saret is-serqa. Ma giet ipprovduta ebda spjegazzjoni ghall-presenza tal-impronti digitali tieghu fuq ix-xena tad-delitt. Jirrisulta wkoll li l-imputat huwa recidiv, u ghandu problema ta’ abbuz ta’ droga. Minn dan kollu, il-Qorti tinsab konvinta li l-imputat ghandu jinstab hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet, u ghalhekk ser tghaddi ghas-sentenza, fejn il-piena ser tkun wahda ta’ prigunerija effettiva. Il-Qorti qed tigi infurmata li l-imputat qed juri x-xewqa li jaghmel il-programm residenzjali ghall-kura mid-dipendenza fuq id-droga, u ghalhekk ser taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin sabiex jipprovdi l-assistenza necessarja lill-imputat biex ikun jista’ jibda dan il-programm bhala parti mis-sentenza tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 261(b), (c), (e), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 278(3), 279(b), 280(2), 579(1), (2), (3), 49, 50, 289 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------